



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2013/0233(COD)

18.12.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parterċipazzjoni tal-Unjoni fil-programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għixien Attiv u Megħjun tal-Unjoni li qed isir b'mod konġunt minn diversi Stati Membri
(COM(2013)0500 – C7-0219/2013 – 2013/0233(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Chrysoula Paliadeli

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-Programm Qafas Orizzont 2020 fil-Kapitolu II, Sezzjoni 1, jistabilixxi li l-Orizzont 2020 għandu jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni. Attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-iżgurar tal-bilanċ bejn is-sessi, soġġett għas-sitwazzjoni fil-qasam, fil-bordijiet ta' evalwazzjoni u fil-korpi bħalma huma l-gruppi konsultattivi u l-gruppi ta' esperti. Id-dimensjoni tal-ġeneri għandha tkun integrata b'mod adegwat fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-istrateġiji, il-programmi u l-proġetti u segwita fl-istadji kollha taċ-ċiklu tar-riċerka.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha intitolata 'Il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa, il-bidla ta' sfida f'opportunità', saħħqet fuq il-fatt li t-tixjijih demografiku huwa wieħed mill-isfidi ewlenin li qed jaffaċċaw l-Istati Membri kollha u li l-użu li qed jiżdied ta'

(5) Fil-komunikazzjoni tagħha bit-titlu 'Il-ġejjieni demografiku tal-Ewropa, il-bidla ta' sfida f'opportunità'⁹, il-Kummissjoni saħħqet fuq il-fatt li t-tixjijih demografiku huwa waħda mill-isfidi ewlenin li qed jaffaċċaw l-Istati Membri kollha u li l-użu li qed jiżdied ta' teknoloġiji ġodda jista' jgħin

teknoloġiji ġodda jista' jgħin biex nikkontrollaw l-ispejjeċ, intejbu l-benessri u nipromwovu parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà tal-persuni azjani, kif ukoll intejbu l-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni.

⁹ COM(2006) 571 final tat-12 ta' Ottubru 2006.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Taħt l-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u f'Saħtu stabbilita taħt l-Unjoni tal-Innovazzjoni, is-soluzzjonijiet tal-ICT huma mistennija li jkollhom rwol importanti fl-ilħuq tal-miri tagħha ta' sentejn ħajja addizzjonali b'saħħithom sal-2020 kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini u t-titjib fl-effiċjenza tas-sistemi tal-kura fl-Unjoni. Il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni tagħha jiffissa l-prijoritajiet biex jaċċellera u jżid l-innovazzjoni fit-tixjiħ attiv u f'saħtu madwar l-Unjoni, fi tlett dominji: il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, il-kura u l-fejqan, u l-għixien indipendenti u l-inklużjoni soċjali.

biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż, jittejjeb il-benessri u tiġi promossa l-parteeipazzjoni attiva fis-soċjetà tal-persuni anzjani, ***pereżempju billi jutilizzaw l-esperjenza tagħhom bħala konsulenti kummerċjali***, kif ukoll tittejjeb il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni.

⁹ COM(2006) 571 final tat-12 ta' Ottubru 2006.

Emenda

(9) Taħt l-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u f'Saħtu stabbilita taħt l-Unjoni tal-Innovazzjoni, is-soluzzjonijiet tal-ICT huma mistennija li jkollhom rwol importanti fl-ilħuq tal-miri tagħha ta' sentejn ħajja addizzjonali b'saħħithom sal-2020 kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini ***mingħajr ebda diskriminazzjoni abbażi tal-età, sess, etniċità, diżabbiltà, orjentazzjoni reliġjuża jew sesswali*** u t-titjib fl-effiċjenza tas-sistemi tal-kura fl-Unjoni. Il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni tagħha jiffissa l-prijoritajiet biex jaċċellera u jżid l-innovazzjoni fit-tixjiħ attiv u f'saħtu madwar l-Unjoni, fi tlett dominji: il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, il-kura u l-fejqan, u l-għixien indipendenti u l-inklużjoni soċjali. ***l-integrazzjoni tal-età u tas-sessi hija metodu u strument indispensabli fit-tfassil tal-politika fl-oqsma relevanti.***

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-implimentazzjoni tal-Programm AAL għandha tindirizza wkoll id-dimensjoni tal-ġeneri, li għandha tkun integrata b'mod adegwat fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni u segwita fl-istadji kollha taċ-ċiklu tar-riċerka, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-prevenzjoni ta' mard tan-nisa marbut mal-età^{12a}, kif ukoll mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Settembru 2010 dwar ir-rwol tan-nisa f'soċjetà li qed tixjieħ^{12b}.

^{12a} Test adottat, P7_TA(2012)0482.

^{12b} ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 49.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) L-implimentazzjoni konġunta tal-Programm AAL tirrikjedi struttura ta' implimentazzjoni. L-Istati Parteċipanti qablu dwar l-istruttura tal-implimentazzjoni għall-Programm AAL u fl-2007 stabbilixxew l-Assoċjazzjoni tal-Għixien Megħjun Kontestwalment IASBL, organizzazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ taħt il-liġi Belġjana (minn hawn 'il quddiem 'AALA'). Għalhekk, fejn skont ir-rapport tal-Evalwazzjoni Interim, l-istruttura eżistenti tal-governanza tal-JP tal-AAL tat prova li hija effiċjenti u ta' kwalità tajba, l-AALA għandha *tinuża* bħala struttura ta' implimentazzjoni u

(14) L-implimentazzjoni konġunta tal-Programm AAL tirrikjedi struttura ta' implimentazzjoni. L-Istati Parteċipanti qablu dwar l-istruttura tal-implimentazzjoni għall-Programm AAL u fl-2007 stabbilixxew l-Assoċjazzjoni tal-Għixien Megħjun Kontestwalment IASBL, organizzazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ taħt il-liġi Belġjana (minn hawn 'il quddiem "AALA"). Għalhekk, fejn skont ir-rapport tal-Evalwazzjoni Interim, l-istruttura eżistenti tal-governanza tal-JP tal-AAL tat prova li hija effiċjenti u ta' kwalità tajba, l-AALA għandha *tintuża* bħala struttura ta' implimentazzjoni u

għandu jkollha r-rowl bħala l-korpa ta' allokkazzjoni u monitoraġġ tal-Programm AAL. L-AALA għandha **ġġestixxi** l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u għandha tiżgura **limplimentazzjoni** effiċjenti tal-Programm AAL.

għandu jkollha r-rowl bħala l-korpa ta' allokkazzjoni u monitoraġġ tal-Programm AAL. L-AALA għandha **tiġġestixxi** l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u għandha tiżgura **l-implimentazzjoni** effiċjenti tal-Programm AAL. **Id-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma ekonomiċi u soċjali għandhom jiġu kkunsidrati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Programm AAL. Għandha tingħata attenzjoni wkoll biex tiġi żgurata parteċipazzjoni aħjar tan-nisa fl-attivitajiet tar-riċerka u fil-proċess tat-tfassil tal-politika.**

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-Kummissjoni, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandu jkollha d-dritt **li** tnaqqas, iżżomm jew tittermina l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni fejn il-Programm AAL jiġi implimentat b'mod inadegwat, parzjalment jew tard, jew l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, għall-finanzjament tal-Programm AAL. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu pprovduti fil-ftehim ta' delega li għandu jiġi konkluż bejn l-Unjoni u l-AALA.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Il-Kummissjoni, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandu jkollha d-dritt **permezz ta' miżuri proporzjonati tirkupra**, tnaqqas, iżżomm jew tittermina l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni fejn il-Programm AAL jiġi implimentat b'mod inadegwat, parzjalment jew tard, jew l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, għall-finanzjament tal-Programm AAL. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu pprovduti fil-ftehim ta' delega li għandu jiġi konkluż bejn l-Unjoni u l-AALA.

Emenda

Ia. Prova mill-Istati Parteċipanti li l-Programm AAL huwa mwaqqaf skont il-

prinċipji stabbiliti fil-Programm Qafas Orizzont 2020, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Kuntratti, ftehimiet tal-għotja u deċiżjonijiet tal-ghotoja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, ***l-AALA, il-Qorti*** tal-Awdituri u ***l-OLAF*** biex iwettqu verifiki u investifazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Emenda

3. Kuntratti, ftehimiet tal-għotja u deċiżjonijiet tal-ghotoja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa ***lill-Istati Membri***, lill-Kummissjoni, ***lill-AALA, lill-Qorti*** tal-Awdituri u ***lill-OLAF*** biex iwettqu verifiki u investifazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjon interim tal-programm AAL. Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jinkludi l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2018.

Emenda

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjon interim tal-programm AAL ***billi tuża parametri referenzjali xierqa u realistiċi, li għandha tinkludi dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, biex tiddetermina jekk il-Programm AAL kellux suċċess.*** Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jinkludi l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2018.

PROĊEDURA

Titolu	Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għixien Attiv u Megħjun tal-Unjoni li qed isir b'mod konġunt minn diversi Stati Membri
Referenzi	COM(2013)0500 – C7-0219/2013 – 2013/0233(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 10.9.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 10.9.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Chrysoula Paliadeli 5.9.2013
Eżami fil-kumitat	26.11.2013
Data tal-adozzjoni	16.12.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Iratxe García Pérez, Mikael Gustafsson, Lívía Járóka, Constance Le Grip, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Norica Nicolai, Britta Thomsen, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, Doris Pack, Rui Tavares, Angelika Werthmann
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Biljana Borzan, Hans-Peter Mayer